REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/608

tas-17 ta' Marzu 2023

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni ta' xi kwoti tariffarji wara l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-Artikolu 223(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u jipprevedi regoli speċifiċi.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 ([3]) jistabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali (il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

(3) Il-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet għall-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, konklużż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2524 ([4]), jemenda l-kundizzjonijiet applikabbli għall-importazzjonijiet minn New Zealand skont ċerti kwoti tariffarji. B'mod partikolari, jemenda l-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.0147, 09.2013, 09.2109, 09.2110 u 09.4454. Barra minn hekk, jimmodifika d-deskrizzjoni tal-prodott u l-kodiċijiet tan-NM tal-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182, 09.4195 u 09.4514, u jħassar ir-regoli dwar il-monitoraġġ tal-piż u tal-kontenut tax-xaħam tal-butir li joriġina minn New Zealand.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2524 tat-12 ta' Diċembru 2022 dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tar-rati tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 59).

(4) Jenħtieġ li r-regoli l-ġodda dwar il-monitoraġġ tal-piż u tal-kontenut tal-butir jiġu riflessi fil-Partijiet A1 sa A6 tal-Parti A tal-Anness XIV.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, u b'mod partikolari fil-mudelli taċ-ċertifikati IMA1 għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182, 09.4195, 09.4514, 09.4515, 09.4521, u 09.4522.

(5) Jenħtieġ li l-emendi li saru minn dak il-Ftehim jiġu riflessi fl-Annessi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988. Jenħtieġ li l-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 japplikaw mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li l-kwantità addizzjonali għaċ-ċanga ta' kwalità għolja skont il-kwota tariffarja 09.4454 tkun disponibbli mill-perjodu tal-kwota tariffarja li jibda fl-1 ta' Lulju 2023. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-emendi tad-deskrizzjoni tal-prodott u l-kodiċijiet tan-NM għall-kwoti tariffarji 09.4182, 09.4195 u 09.4514 japplikaw mill-għada ta' wara l-perjodu ta' 90 jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 japplikaw mill-1 ta' Lulju 2023.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 50, jitħassru l-paragrafi 3 u 4;

(2) l-Artikolu 51 jitħassar;

(3) l-Annessi VIII, IX u XIV.5 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madanakollu:

(a) il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023;

(b) il-punt 2(a)(i) u (ii), il-punt (2)(b), u l-punt (3) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-għada ta' wara l-perjodu ta' 90 jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

(c) l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi VIII, IX u XIV.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness VIII, fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4454, ir-ringiela "Kwantità f'kg", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità f'kg**	1 102 000 kg ta' piż tal-prodott"

(2) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabelli li jirreferu għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195 huma emendati b'dan li ġej:

(i) ir-ringiela "Deskrizzjoni tal-prodott" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Butir"

(ii) ir-ringiela "Kodiċijiet NM" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kodiċijiet NM**	0405 10"

(iii) ir-ringiela "Kundizzjonijiet speċifiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kundizzjonijiet speċifiċi**	F'konformità mal-Artikoli 50, 53 u 54 ta' dan ir-Regolament"

(b) it-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4514 hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela "Deskrizzjoni tal-prodott" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Deskrizzjoni tal-prodott**	Cheddar"

(ii) ir-ringiela "Kodiċijiet NM" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kodiċijiet NM**	0406 90 21"

(3) Il-partijiet A1 sa A6 tal-Parti A tal-Anness XIV.5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"PARTI A. **KWOTI TAL-IMPORTAZZJONI BIĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

A1 — **MUDELL TA' ĊERTIFIKAT IMA 1 GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4514, 09.4515, 09.4521, 09.4522**

1. Bejjiegħ	2. Nru tas-serje tal-ħruġ	**KOPJA ORIĠINALI**
3. Xerrej	ĊERTIFIKAT għad-dħul ta' ċerti prodotti tal-ħalib taħt ċerti intestaturi jew subintestaturi tan-Nomenklatura Magħquda	
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż ta'oriġini	6. Stat Membru tad-destinazzjoni

IMPORTANTI

A. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull forma ta' preżentazzjoni ta' kull prodott.
B. Iċ-ċertifikat għandu jkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jista' jkun fih ukoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'lingwa uffiċjali waħda tal-pajjiż esportatur.
C. Iċ-ċertifikat irid isir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.
D. Il-kopja oriġinali, u fejn ikun xieraq, kopja taċ-ċertifikat trid tiġi ppreżentata lill-uffiċċju doganali fl-Unjoni fil-mument li fih il-prodott ikun qed jiddaħħal għall-moviment liberu.

7. Marki, numri, kwantità u tip ta' pakketti: deskrizzjoni dettaljata tal-prodott u dettalji tal-forma tal-preżentazzjoni tiegħu.	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)

10. Materja prima użata

11. Kontenut tax-xaħam bil-piż (%), fil-materja niexfa ([1])

13. Kontenut tax-xaħam, bil-piż (%) ([1])

14. Perjodu tal-maturazzjoni ([1])

16. Osservazzjonijiet: (a) kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4...
(b) maħsub għall-ipproċessar ([2])

17. B'DAN HUWA ĊĊERTIFIKAT:

li d-dettalji stipulati hawn fuq huma preċiżi u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.

18. Korp tal-ħruġ	Post Sena Xahar Jum (Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ)

([1]) Għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4521 biss
([2]) Ħassar kif inhu xieraq

A2 — **MUDELL TA' ĊERTIFIKAT IMA 1 GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4195 U 09.4182**

1. Bejjiegħ	2. Nru tasserje tal-ħruġ	**KOPJA ORIĠINALI**
3. Xerrej	ĊERTIFIKAT għad-dħul ta' ċertu butir minn New Zealand soġġett għall-kwota tariffarja msemmija taħt in-numru tal-ordni tal-kwota 09.4195 u 09.4182	
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż ta' oriġini	New Zealand

IMPORTANTI

A. Għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull forma ta' preżentazzjoni ta' kull prodott.
B. Iċ-ċertifikat għandu jkun b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jista' jkun fih ukoll traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'lingwa uffiċjali waħda tal-pajjiż esportatur.
C. Iċ-ċertifikat irid isir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.
D. Il-kopja oriġinali u fejn xieraq, kopja taċ-ċertifikat flimkien mal-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti tiegħu u dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera iridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali fl-Unjoni fil-mument li fih il-prodott ikun qed jiġi rilaxxat għal ċirkolazzjoni libera.

7. Marki, numri, għadd u tip ta' pakketti, deskrizzjoni dettaljata tan-NM u kodiċi NM bi 8 ċifri tal-prodott u dettalji tal-forma tiegħu ta' preżentazzjoni. — Ara r-referenza għal-lista ta' identifikazzjoni tal-prodott mehmuża: — Kodiċi NM — Nru tar-reġistrazzjoni tal-fabbrika	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg) (numru ta' kartun) (kg/kartuna)
10. Materja prima użata		
16. Osservazzjonijiet: kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4…		
17. B'DAN HUWA ĊERTIFIKAT li d-dettalji stipulati hawn fuq huma preċiżi u jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Unjoni.	Sena ____ Xahar ____ Jum ____	
18. Korp tal-ħruġ	Post: Sena ____ Xahar ____ Jum ____ Validu sa: Sena ____ Xahar ____ Jum ____ (Firma u timbru tal-korp tal-ħruġ)	

A3 — **DEFINIZZJONIJIET U REGOLI GĦALL-MILI U L-VERIFIKA TAĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1 MAĦRUĠA GĦALL-KWOTI TARIFFARJI BIN-NUMRI TAL-ORDNI 09.4182 U 09.4195**

Definizzjonijiet

Għall-finijiet tal-Annessi XIV.5, Parti A, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'produttur' tfisser impjant jew fabbrika waħda tal-produzzjoni li fiha jiġi prodott il-butir biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195;

(b) 'ċifra' tfisser il-kwantità tal-butir prodott skont speċifikazzjoni tax-xiri ta' prodott wieħed f'impjant wieħed tal-produzzjoni matul proċess wieħed tal-manifattura;

(c) 'lott' tfisser kwantità tal-butir koperta minn ċertifikat IMA 1 ippreżentat lill-awtorità doganali kompetenti għad-dħul għal ċirkolazzjoni libera taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195;

(d) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet fl-Istati Membri responsabbli għal kontrolli fuq prodotti importati;

(e) 'lista ta' identifikazzjoni tal-prodott' tfisser lista li tidentifika, għal kull lott, in-numru tal-kwota taċ-ċertifikat IMA 1 korrispondenti, l-impjant jew il-fabbrika tal-produzzjoni u ċ-ċifra jew iċ-ċifri, u li tipprovdi deskrizzjoni tal-butir. Tista' tidentifika wkoll l-ispeċifikazzjoni li għaliha jkun ġie mmanifatturat il-butir, l-istaġun tal-produzzjoni, l-għadd ta' kartun li jikkorrispondi għal kull ċifra, l-għadd totali ta' kartun, il-piż nominali tal-kartun, in-numru tas-serje tal-esportatur, il-mezz tat-trasport minn New Zealand lejn l-Unjoni Ewropea u n-numru tal-vjaġġ.

Mili u verifika taċ-ċertifikat IMA 1

Ċertifikat IMA 1 għandu jkopri l-butir immanifatturat skont speċifikazzjoni tax-xiri ta' prodott wieħed f'impjant wieħed. Jista' jkopri aktar minn ċifra waħda tal-istess speċifikazzjoni tax-xiri ta' prodott mill-istess impjant.

Iċ-ċertifikat IMA 1 għandu jitqies biss bħala mimli kif suppost u awtentikat minn korp tal-ħruġ elenkat fil-Parti A6, jekk ikun fih l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) fil-kaxxa 1, l-isem u l-indirizz tal-bejjiegħ;

(b) fil-kaxxa 2, in-numru tas-serje tal-ħruġ li jidentifika l-pajjiż tal-oriġini, l-arranġamenti tal-importazzjoni, il-prodott, is-sena tal-kwota u n-numru individwali taċ-ċertifikat, li jerġa' jibda minn wieħed kull sena;

(c) fil-kaxxa 4, in-numru u d-data tal-fattura;

(d) fil-kaxxa 7:

— ir-referenza għal-lista tal-identifikazzjoni tal-prodott (lista tal-ID tal-prodott), li trid tkun mehmuża,

— il-kodiċi NM

— in-numru tar-reġistrazzjoni tal-fabbrika,

— il-medja aritmetika tal-piż tara tat-tgeżwir;

(e) fil-kaxxa 8, il-piż gross f'kilogrammi;

(f) fil-kaxxa 9:

— il-piż nominali nett għal kull kartuna,

— il-piż nett totali f'kilogrammi,

— l-għadd ta' kartun,

(g) fil-kaxxa 10: mill-ħalib jew mill-krema;

(h) fil-Kaxxa 16: 'Il-kwota tal-butir ta' New Zealand għal …[sena] f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) …/…';

(i) fil-kaxxa 17:

— id-data tal-ħruġ u, fejn ikun xieraq, l-aħħar jum tal-validità,

— il-firma u t-timbru tal-korp tal-ħruġ;

(j) fil-kaxxa 18: l-indirizz eżatt u d-dettalji tal-kuntatt tal-korp tal-ħruġ.

A4 — **ĊIRKOSTANZI LI TAĦTHOM ĊERTIFIKAT IMA 1 JEW PARTI MINNU JISTA' JKUN IKKANĊELLAT, EMENDAT, SOSTITWIT JEW IKKOREĠUT**

Kanċellazzjoni taċ-ċertifikat IMA 1 meta d-dazju sħiħ ikun dovut u mħallas għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' kompożizzjoni

Meta d-dazju sħiħ huwa mħallas fuq lott minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit tal-kontenut massimu tax-xaħam, iċ-ċertifikat tal-IMA 1 li jikkorrispondi jista' jkun ikkanċellat u l-korp tal-ħruġ tal-IMA 1 jista' jżid il-kwantitajiet konċernati ma' dawk li għalihom iċ-ċertifikati tal-IMA 1 jistgħu jinħarġu għall-istess sena tal-kwota.

Prodott meqrud jew ma jibqax tajjeb għall-bejgħ

Il-korpi tal-ħruġ tal-IMA 1 jistgħu jikkanċellaw ċertifikat IMA 1 jew parti minnu għal kwantità koperta minnu li tkun inqerdet jew ma tibqax tajba għall-bejgħ f'ċirkostanzi li l-esportatur ma jkollux kontroll fuqhom. Meta parti mill-kwantità koperta b'ċertifikat IMA 1 tinqered jew ma tibqax tajba għall-bejgħ, jista' jinħareġ ċertifikat ta' sostituzzjoni għall-kwantità li jifdal. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu jkun validu biss sal-istess data tal-oriġinali. F'dan il-każ, il-kaxxa 17 taċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni IMA 1 għandu jkun fiha l-kliem 'validu sa 00.00.0000'.

Meta l-kwantità kollha jew parti minnha koperta minn ċertifikat IMA 1 tinqered jew ma tibqax tajba għall-bejgħ minħabba ċirkostanzi li l-esportatur ma jkollux kontroll fuqhom, il-korp tal-ħruġ tal-IMA 1 jista' jżid dawn il-kwantitajiet ma' dawk li għalihom jistgħu jinħarġu ċ-ċertifikati IMA 1 għall-istess sena tal-kwota.

Bidla fl-Istat Membru tad-destinazzjoni

Meta l-esportatur ikun obbligat li jibdel l-Istat Membru tad-destinazzjoni indikat fuq ċertifikat IMA 1 qabel ma tinħareġ liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti, iċ-ċertifikat oriġinali IMA 1 jista' jkun emendat mill-korp tal-ħruġ tal-IMA 1. Tali ċertifikat IMA 1 oriġinali emendat, li jkun awtentikat kif suppost u identifikat kif xieraq mill-korp tal-ħruġ, jista' jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-liċenzjar u lill-awtoritajiet doganali.

Żball klerikali jew tekniku

Meta żball klerikali jew tekniku jinstab fuq ċertifikat IMA 1 qabel ma tinħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni korrispondenti, iċ-ċertifikat oriġinali jista' jiġi kkoreġut mill-korp tal-ħruġ. Tali ċertifikat IMA 1 oriġinali korrett jista' jiġi ppreżentat lill-awtorità tal-liċenzjar u lill-awtoritajiet doganali.

Ċirkostanzi eċċezzjonali meta prodott maħsub għall-importazzjoni f'sena partikolari ma jkunx disponibbli

Meta, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li l-esportatur ma jkollux kontroll fuqhom, prodott maħsub għall-importazzjoni f'sena partikolari ma jibqax disponibbli u l-uniku mezz biex timtela l-kwota, minħabba ż-żmien normali tat-twassil bil-baħar mill-pajjiż tal-oriġini, huwa li jiġi sostitwit bi prodott li oriġinarjament kien maħsub għall-importazzjoni fis-sena ta' wara, il-korp tal-ħruġ jista' joħroġ ċertifikat IMA 1 ġdid għall-kwantità sostitwita, bejn is-6 u l-10 jum kalendarju wara li jinnotifika kif xieraq lill-Kummissjoni bid-dettalji taċ-ċertifikat IMA 1 jew parti minnu li għandhom jiġu kkanċellati għas-sena konċernata u l-ewwel ċertifikat IMA 1 jew parti minnu maħruġ għas-sena ta' wara li għandu jiġi kkanċellat.

Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għaċ-ċirkostanzi tal-każ ikkonċernat, tista' toġġezzjona fi żmien sebat ijiem kalendarji, u tagħti r-raġuni għall-oġġezzjoni tagħha. Meta l-kwantità li għandha tiġi sostitwita tkun akbar minn dik koperta mill-ewwel ċertifikat IMA 1 maħruġ għas-sena ta' wara, il-kwantità meħtieġa tista' tinkiseb billi jiġu kkanċellati ċ-ċertifikati IMA 1 addizzjonali, f'sekwenza, jew parti minnhom skont kif hemm bżonn.

Il-kwantitajiet kollha li dwarhom iċ-ċertifikati IMA 1 jew parti minnhom kienu kkanċellati għas-sena konċernata għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet li għalihom jistgħu jinħarġu ċertifikati IMA 1 għal dik is-sena tal-kwota.

Il-kwantitajiet kollha li nġarru mis-sena tal-kwota ta' wara li għalihom ġew ikkanċellati ċertifikat jew ċertifikati IMA 1, għandhom jiżdiedu lura mal-kwantitajiet li għalihom jistgħu jinħarġu ċ-ċertifikati IMA 1 għal dik is-sena tal-kwota.

A5 — **REGOLI BIEX JIMTLEW IĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

Minbarra l-kaxxi 1, 2, 4, 5, 9, 17 u 18 taċ-ċertifikat IMA 1, iridu jimtlew l-elementi li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-ġobnijiet Cheddar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0406 90 21 u elenkati taħt il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4521:

— il-kaxxa 7, billi jkun speċifikat 'ġobnijiet sħaħ taċ-Cheddar';

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqra prodott esklussivament id-dar';

— il-kaxxa 11, billi jkun speċifikat 'mill-anqas 50 %';

— il-kaxxa 14, billi jkun speċifikat 'mill-anqas tliet xhur';

— il-kaxxa 16, billi jkun speċifikat il-perjodu li għalih il-kwota hija valida.

(b) Fir-rigward tal-ġobnijiet Cheddar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 0406 90 21 u elenkati taħt il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4514:

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqra prodott esklussivament id-dar';

(c) Fir-rigward tal-ġobnijiet Cheddar maħsuba għall-ipproċessar li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0406 90 01 u elenkati taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4515 u 09.4522:

— il-kaxxa 7, billi jkun speċifikat 'ġobnijiet sħaħ taċ-Cheddar';

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqra prodott esklussivament id-dar';

— il-kaxxa 16, billi jkun speċifikat il-perjodu li għalih il-kwota hija valida.

(d) Fir-rigward tal-ġobnijiet għall-ipproċessar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0406 90 01 u elenkati taħt il-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4515 u 09.4522:

— il-kaxxa 10, billi jkun speċifikat 'ħalib tal-baqra prodott esklussivament id-dar';

— il-kaxxa 16, billi jkun speċifikat il-perjodu li għalih il-kwota hija valida.

A6 — **IL-KORPI TAL-ĦRUĠ GĦAĊ-ĊERTIFIKATI IMA 1**

Pajjiż terz	Kodiċi NM u deskrizzjoni tal-prodott		Korp tal-ħruġ	
			Isem	Post
L-Awstralja	0406 90 01 0406 90 21	Ġobon Cheddar u ġobon ieħor għall-ipproċessar Ġobon Cheddar	Australian Quarantine Inspection Service Department of Agriculture, Fisheries and Forestry	PO Box 60 World Trade Centre Melbourne VIC 3005 l-Awstralja Tel. (61 3) 92 46 67 10 Fax (61 3) 92 46 68 00
New Zealand	0405 10	Butir	Ministry for Primary Industries	Pastoral House 25 The Terrace PO Box 2526 Wellington 6140 Tel. +64 4 894 0100 Fax + 64 4 894 0720 www.mpi.govt.nz"
	0406 90 01	Ġobon għall-ipproċessar		
	0406 90 21	Ġobon Cheddar		

ANNESS II

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib", fit-tabella dwar il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.0147, fir-ringiela "Kwantità", il-kwantità hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	62 917 000 kg"

(2) fit-taqsima taħt l-intestatura "Kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż", fit-tabella dwar il-kwoti tariffarji bin-numru tal-ordni 09.2109, 09.2110, 09.2013, ir-ringiela "Kwantità", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	125 769 000 kg ta' ekwivalenti tal-piż tal-karkassa"